**29 ta' Mejju, 1989**

**Imħallef: –**

**Onor. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D.**

Reġistratur tas-Soċjetajiet

*versus*

Albert Carter

**Penali Inflitta mir-Reġistratur tas-Soċjetajiet – Preskrizzjoni**

*Penali inflitti mir-Reġistratur tas-Soċjetajiet taħt l-Ordinanza dwar Soċjetajiet Kummerċjali ma humiex drittijiet ġudizzjarji, dazji jew taxxi oħra, u għalhekk ma jaqgħux bi preskrizzjoni taħt l-art. 2149(e) tal-Kodiċi Ċivili.*

*Lanqas ma jaqgħu bi preskrizzjoni taħt l-art. 2156(f) ta' l-istess Kodiċi, li tolqot azzjonijiet regolati mid-dritt privat u mhux mid-dritt pubbliku.*

*L-infrazzjonijiet ikkontemplati mill-Ordinanza dwar Soċjetajiet Kummerċjali huma reati soġġetti għad-dritt pubbliku. Għal dawk l-azzjonijiet li għandhom il-fonti tagħhom f'reat, il-perijodu preskrittiv ivarja skond it-tip ta' reat.*

*Il-Qorti għandha s-setgħa li tissindika l-operat tar-Reġistratur tas-Soċjetajiet meta dan jinfliġġi penali.*

Iċ-ċitazzjoni taqra hekk:

"Peress illi l-konvenut bħala direttur u uffiċjal tas-soċjetà *Fin-Carter Ltd.*, huwa responsabbli għan-nuqqas li tinżamm il-laqgħa ġenerali annwali u konsegwentement li jitqiegħed quddiem il-laqgħa kont tal-qligħ u tat-telf fiż-żmien mogħti mil-liġi għas-sena 1981 kif maħsub fl-artikoli 111 u 133 ta' l-Ordinanza ta' l-1962 dwar is-Soċjetajiet Kummerċjali.

Peress illi skond l-artikoli 112 u 138 l-istanti ffissa l-penali relattiva għal dawn in-nuqqasijiet fis-somma ta' ħamsa u tletin lira Maltija (Lm35.00,0);

Peress illi l-istanti ta lill-konvenut avviż bil-miktub tan-nuqqasijiet tiegħu u tal-penali relattivi dovuta għat-tenur ta' l-artikolu 191(2) ta' l-istess Ordinanza, iżda dan naqas li jagħmel oġġezzjoni bil-miktub lill-istanti fiż-żmien hemm mogħti lilu ta' għoxrin ġurnata u għalhekk dik il-penali hija dovuta definittivament;

Jgħid il-konvenut għaliex ma' għandux ikun ikkundannat iħallas lill-istanti l-imsemmija somma ta' ħamsa u tletin lira

Maltija (Lm35.00,0) għar-raġunijiet fuq indikati, bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-22 ta' Mejju 1986 kontra l-konvenut li għandu jidher għas-subizzjoni;

Il-konvenut eċċepixxa l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni għat-tenur ta' l-artikoli 2149(e) u 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili; ċjoè l-ewwel waħda ta' sentejn u t-tieni ta' ħames snin;

A. Mis-sottomissjonijiet orali tal-partijiet il-Qorti eżaminat dawn is-sentenzi, li għalihom saret riferenza:

1. Qorti tal-Kummerċ – **Reġistratur tas-Soċjetajiet *vs* Alexander Borg Bartolo** – 24 ta' Ottubru 1975, li stabbilit li la darba direttur ikun irriżenja mill-kariga ma' jistax ikun possibbli ta' penalitajiet wara r-riżenja anki jekk ir-Reġistratur ma jkunx ġie nfurmat bir-riżenja mill-istess direttur, għaliex dan l-obbligu huwa tas-soċjetà, skond l-artikolu 128 ta' l-Ordinanza dwar soċjetajiet kummerċjali;

Din ma tidhirx li hija rilevanti għall-preżenti kawża;

2. L-istess Qorti – l-istess ismijiet – 27 ta' April 1978, li tiċħad l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni a bażi ta' l-artikolu 2254E *tal-Kodiċi Ċivili – illum artikolu* 2149(e) Kap. 16;

Din il-Qorti taqbel ma' din id-deċiżjoni u hija tal-fehma li dik il-preskrizzjoni ma tolqotx il-penalitajiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni;

3. Qorti ta' l-Appell – l-istess ismijiet – 6 ta' Novembru 1978 li biha ġiet revokata l-ewwel sentenza msemmija – dik tal-Qorti tal-Kummerċ ta' l-24 ta' Ottubru 1975 u dan fuq il-

bażi illi l-ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża fuq diversi supposizzjonijiet illi r-riżenja minn direttur tal-konvenut ma kinitx saret b'mod regolari billi ma ġietx irreġistrata *mal-Bord* ta' diretturi u għaliex il-Qorti ttraskurat dak li jgħid l-artikolu 191(2) ta' l-Ordinanza:

Ir-rilevanza ta' din is-sentenza tirrigwarda l-applikabbilità ta' l-artikolu 191(2) li l-Qorti se tikkummenta fuqha aktar 'l isfel;

4. Qorti tal-Kummerċ – **Reġistratur tas-Soċjetajiet *vs* Michael Borg Cardona** – 5 ta' April 1979. Din is-sentenza *tirrispinġi eċċezzjonijiet* oħra billi l-konvenut ma kienx verament irriżenja fil-perijodu rilevanti;

5. Qorti tal-Kummerċ – l-istess ismijiet u l-istess data – din iċ-ċitazzjoni kellha numru 85/78. Din is-sentenza hija l-eku ta' dik imsemmija fin-numru 4 u tgħid illi meta konvenut ikun irrisponda l-avviż ta' l-attur, dan allura ma jistax jaġixxi *a tenur ta'* l-*artikolu* 191(2) *imma jista' jaġixxi skond* l-artikolu 191(1)(b);

Fuq din l-aħħar interpretazzjoni l-Qorti tirriserva li tikkunsidra l-kwistjoni fil-każ speċifiku. Għal din il-kawża m'hix rilevanti;

6. Qorti tal-Kummerċ – **Reġistratur tas-Soċjetajiet *vs* Aldo Debono** – 12 ta' Ottubru 1987 – li applikat il-preskrizzjoni "kwinkwenali" – *presumibbilment dik li jsemmi* l-artikolu 2156(f) Kap. 16 u tgħid illi l-istess preskrizzjoni tibda tiddekorri mill-ġurnata li jintbagħat l-avviż mill-attur li fih javża li infliġġa l-penali;

B. Biex il-Qorti tasal biex tiddeċidi liema hija l-preskrizzjoni li tapplika għall-każ trid qabel xejn tistabbilixxi f'hiex jikkonsistu dawn il-**penali** li jinfliġġi r-Reġistratur tas-Soċjetajiet meta jirrikorri ċerti infrazzjonijiet kif jistabbilixxu diversi artikoli ta' l-Ordinanza;

It-tieni sentenza, imsemmija qabel, tgħid illi l-artikolu 2149(e) Kap. 16 ma japplikax in materja għaliex dawn il-penalitajiet m'humiex la **drittijiet ġudizzjarji, dazji jew taxxi oħra.** U ma' dan, din il-Qorti taqbel;

Is-sitt sentenza msemmija, tapplika l-preskrizzjoni kwinkwenali, presumibbilment dik li jsemmi l-artikolu 2156(f) Kap. 16:

"L-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali **jew minn ħwejjeġ oħra,** meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-liġi jew **liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar,** jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku";

Dik is-sentenza ma tgħidx speċifikament għaliex dan is-sub-artikolu huwa applikabbli u liema waħda mill-ipotesijiet ikkontemplati tapplika għall-penalitajiet ta' l-Ordinanza. Din il-Qorti qiegħda tassumi li l-ġenerożità tal-frażi "jew minn ħwejjeġ oħra" tiġġustifika dik l-applikazzjoni għaliex jista' verament jingħad li l-azzjoni tar-Reġistratur hija **għall-ħlas ta' kreditu li ġej minn ħwejjeġ oħra** – jiġifieri minn kwalunkwe fonti oħra li ma tidhirx kwalifikata u msemmija speċifikament f'dawk l-artikoli tal-Kap. 16 li jipprovdu fuq id-diversi preskrizzjonijiet;

Ċ. Din il-Qorti tifhem mod ieħor;

L-artikolu 191(2) jgħid fost ħwejjeġ oħra, li l-avviż tar-Reġistratur lil min, skond huwa, ikun ikkontravjena xi obbligu li timponi l-Ordinanza għandu:

"Fih jispeċifika x-xorta tal-ksur tal-liġi u jindika ammont dovut bħala **penali għal dak ir-reat**";

Huwa risaput illi kull penali hija obbligazzjoni aċċessorja għall-obbligazzjoni prinċipali jew hija l-konsegwenza dixxiplinari għal xi **reat**. U f'dawn il-każijiet li ssemmi l-Ordinanza, il-liġi stess tistabbilixxi li dawk l-infrazzjonijiet li tikkontempla l-Ordinanza huma **reati;**

Issa għal dawk l-azzjonijiet li għandhom il-fonti tagħhom f'reat, il-liġi tippreskrivi perijodi preskrittivi li jvarjaw skond it-tip ta' reat. Ir-Reġistratur tas-Soċjetajiet għandu l-funzjonijiet ta' ġudikant li però l-effett tal-kundanna tiegħu – il-penali – biex tiġi – esegwita teħtieġ l-approvazzjoni ta' din il-Qorti, li għandha naturalment il-funzjoni li, fejn hemm bżonn, tissindika dik id-deċiżjoni, fejn dan huwa meħtieġ għat-termini ta' l-Ordinanza;

D. Il-Qorti issa trid teżamina l-preskrizzjonijiet issollevati mill-konvenut;

L-ewwel waħda hija dik ta' l-artikolu 2149(e) Kap. 16, u l-Qorti diġà qalet li din ma tapplikax, kif diġà ġie deċiż bis-sentenza ta' din il-Qorti, fl-ismijiet **Ir-Reġistratur tas-Soċjetajiet *vs* Alexander Borg Bartolo** tas-27 ta' April 1978;

It-tieni waħda hija dik ta' ħames snin li jistipula l-artikolu 2156(f) Kap. 16, akkolta minn din il-Qorti fis-sitt sentenza –

**Reġistratur tas-Soċjetajiet *vs* Aldo Debono** tat-12 ta' Ottubru 1987;

E. Minn dak li ntqal qabel, din il-Qorti, kif presjeduta, bir-rispett, ma taqbilx ma' dik is-sentenza;

Hemm żewġ kwalitajiet ta' penalitajiet;

Penalitajiet fid-Dritt Pubbliku li jsegwu u huma aċċessorji għar-reati u huma mezzi punittivi jew dixxiplinari, u hemm dawk tad-Dritt Privat, li ġeneralment jirrapreżentaw danni, likwidati antiċipatament jew għaliex dawk id-danni jkunu diffiċli biex jiġu likwidati, per eżempju d-danni kkawżati minn ċerti mandati li joħorġu illegalment, jew sempliċement biex id-debitur jiġi punit talli ma esegwiex obbligazzjoni assunta, per eżempju l-*arra poenitentialis* fil-konvenji ta' kompra-vendità;

Fid-dritt pubbliku l-penali tiġi inkamerata mill-fisco statali waqt li fid-dritt privat jeħodha l-kreditur ta' l-obbligazzjoni;

Ma jidhirx li hemm xi diffikoltà li għandu jiġi ritenut li l-penalitajiet tar-Reġistratur tas-Soċjetajiet Kummerċjali huma penalitajiet li jappartjenu għad-dritt pubbliku u jiġu inkamerati fil-fond konsolidat tar-Repubbliks ta' Malta;

L-artikolu 2156(f) Kap. 16 manifestement jolqot kull azzjoni regolata mid-dritt privat u mhux mid-dritt pubbliku. L-azzjoni biex tinġabar penali imposta, ngħidu aħna, bit-tant kuljum, sakemm it-tali ċittadin ma jottemperax ruħu ma' stipulazzjoni tal-liġi sanitarja, liema infrazzjoni damet tissussisti ħamsin ġurnata bis-sitt liri kuljum m'hix soġġetta għal din il-kwalità ta' preskrizzjoni tad-dritt privat, waqt li l-azzjoni tal-Gvern biex

jiġbor il-penali li mpjegat tiegħu jinkorri talli kiser l-obbligazzjoni assunta f'borsa ta' studju iva, – għaliex tali azzjoni hija regolata mid-dritt privat;

Din il-Qorti, kif presjeduta, bir-rispett, ma taqbilx lanqas ma' dak li rriteniet l-istess sentenza, illi t-terminu preskritt jibda jiddekorri minn dak inhar li r-Reġistratur tas-Soċjetajiet jibgħat l-avviż lill-kontraventur. U dan għal żewġ raġunijiet prinċipali – l-ewwel għaliex, kif intqal, il-penali li jinfliġġi r-Reġistratur tas-Soċjetajiet fil-fuznjoni tiegħu kważi ġudizzjarja hija r-riżultat, l-effett, ta' l-infrazzjoni li hija l-kawża li ġġib l-effett, u l-avviż – ismu miegħu – jintima sempliċement lil dak li jkun, x'ikun iddeċieda r-Reġistratur; u t-tieni għaliex b'hekk jiġi li l-azzjoni dixxiplinari tar-Reġistratur ma tkun soġġetta għal ebda preskrizzjoni, u jista' jippunnixxi meta jrid, jew meta jiskopri l-infrazzjoni; proposizzjoni din li hija inaċċettabbli għall-ordni pubbliku malti li jippreskrivi d-delitti kollha, anki l-aktar gravi – bħas-sedizzjoni u l-omiċidju;

F. U daqshekk huwa suffiċjenti biex il-Qorti tispjega għaliex għal **reat** kommess fl-1981 preskrizzjonijiet komminati mid-dritt privat ma jgħoddux;

Ir-Reġistratur tas-Soċjetajiet, però, fil-funzjoni tiegħu kważi – ġudizzjarja, *meta jiġi biex jinfliġġi penali* għar-reat kommess huwa obbligat, bħal kull ġudikant ieħor, minn regola preċiża tad-dritt pubbliku – **artikolu 694 Kap. 9,** – li jissolleva *ex officio* l-preskrizzjoni li tapplika għal każ, u manifestament kull reat taħt l-Ordinanza, kommess fl-1981, ma jistax ma jkunx preskritt fl-1984 – oltre s-sentejn li jsemmi l-artikolu **688(e) Kap. 9.** U dan perijodu massimu, għaliex il-Qorti m'hiex qiegħda tinvesti din il-parti tal-kwistjoni bil-preċiżjoni li każijiet

oħra jkun jistħoqqilhom;

G. Hemm finalment il-kwistjoni li tirrigwarda l-artikolu 191(2) ta' l-Ordinanza;

Dan jinqara hekk:

"Meta r-Reġistratur jagħti avviż bil-miktub lil xi persuna li dik il-persuna saret suġġetta għall-penali taħt din l-Ordinanza, u fih jispeċifika x-xorta ta' ksur tal-liġi u jindika ammont dovut bħala penali għal dak ir-reat, u l-persuna li lilha jkun ingħata l-avviż ma toġġezzjonax, b'oġġezzjoni bil-miktub mogħtija lir-Reġistratur, għall-avviż fiż-żmien (li ma jkunx inqas minn ħmistax-il ġurnata mill-għoti ta' l-avviż) speċifikat fih għall-ħlas ta' l-ammont imsemmi qabel, jew taqbel li tħallas, jew fil-fatt tħallas dak l-ammont, il-persuna li lilha jkun ingħata l-avviż titqies li weħlet penali taħt din l-Ordinanza u l-ammont indikat kif intqal qabel bħala dovut bħala penali għandu jitqies li jkun il-penali dovut taħt din l-Ordinanza għall-ksur tal-liġi speċifikat fl-avviż";

Dan is-sub-artikolu naturalment serva għall-interpretazzjoni li tat aktar qabel il-Qorti, għal dik li hija l-posizzjoni ġuridika tar-Reġistratur tas-Soċjetajiet u l-funzjoni tiegħu kważi ġudizzjali u tas-sinifikat ta' ġudizzju tiegħu meta jinfliġġi penali. Dan is-subartikolu ġie miżjud wara li ġiet promulgata l-Ordinanza u serva biex jiċċara u jinkwadra aħjar dak li għandha tkun l-interpretazzjoni tal-posizzjoni ġuridika tar-Reġistratur u tal-funzjonijiet tiegħu, in armonija mal-prinċipji ġenerali ta' l-ordinament ġuridiku tagħna;

Interpretazzjonijiet oħra li jtendu li b'xi mod dan is-sub-

artikolu jeskludi l-possibilità ta' difiża tal-konvenut fil-proċedura li ssir quddiem din il-Qorti, huma inaċċettabbli. Din il-Qorti ma għandhiex u ma jistax ikollha l-funzjoni ta' sempliċi kollettur tal-penalitajiet, imma hija organu li jissindika jekk ir-Reġistratur – kif jgħid is-subartikolu – fil-funzjonijiet tiegħu osservax il-liġi meta qies li hemm ksur tal-liġi u infliġġa l-penali;

Għalhekk hija żbaljata t-tielet kawżali ta' l-attur fejn jippretendi li l-penali minnu inflitta, inwkantu l-konvenut ma oġġezzjonax għaliha bil-miktub, "hija dovuta definittivament" u speċi ta' la ġara hekk, l-Imħallef għandu timbru tal-gomma elastika f'idejh flok pinna, u l-kawża tikkonsisti filli jittimbra kif jagħmel pustin fuq kull bolla li jara quddiemu. Anzi anqas minn hekk għaliex dik "id-definittivament", kif jippretendiha l-attur, lanqas tħalli l-ispazju biex il-Qorti tiddistingwi jekk il-bolla li waħħal il-mittent hiex skond it-tariffa jew le. Din hija viżwali tant riduttiva tal-liġi illi allura ta' min jistaqsi għaliex għal funzjoni burokratika ta' sempliċità bħal din, għall-ammont minimu bħal ma huma ħamsa u tletin lira (Lm35), fejn huwa s-sens li tinfliġġi dan kollu fuq Qorti Superjuri bħal ma hija l-Qorti tal-Kummerċ;

H. Kif intqal, għalhekk, din il-Qorti għandha d-dover li tissidnika u tara jekk ir-Reġistratur fl-operat tiegħu osservax il-liġi jew le. Hekk, per eżempju, f'dan il-każ, ir-Reġistratur infliġġa penali nkwantu l-konvenut kiser l-obbligi kkontemplati fl-artikoli 111 u 133 ta' l-Ordinanza;

Issa r-Reġistratur għandu dejjem jistenna li jkollu r-rezakont annwali kif jipprovdi l-artikolu **143** ta' l-Ordinanza, u fin-nuqqas ta' dan, **jassumi** li ma ġewx osservati l-provvedimenti minnu msemmija – dawk ta' l-artikoli 111 u 133. Issa billi s-soċjetà

*FIN-CARTER Limited,* li għaliha kien responsabbli l-konvenut, hija soċjetà *privata u eżenti minn ċerti obbligi* – artikoli 146, 147 u 148 ta' l-Ordinanza – u m'hix għalhekk obbligata li fir-reżakont tagħha tinkludi kopja vera tal-kontijiet tas-soċjetà fl-istess reżakont – artikolu 144 – min-nuqqas skond artikolu 143, ir-Reġistratur ma jistax jiddeduċi, u allura jassumi, l-infrazzjoni ta' l-artikolu 133;

Għaldaqstant il-Qorti nkwantu r-reati kommessi mill-konvenut fl-1981 kien diġà preskritti meta l-attur infliġġa l-piena msemmija fl-avviż tiegħu ta' l-1984, u għar-raġunijiet l-oħra msemmija tiċħad it-talba attriċi;

L-ispejjeż – inwkantu l-Qorti nvestiet interpretazzjoni ta' din in-natura – jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.